MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1346/2003

**Reshida Sheikh**

**Vs**

**Ahmad Raji**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attrici talbet il-hlas ta' Lm1,450 (elf, erba' mija u hamsin lira Maltin) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku msemmi fl-istess Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie ddikjarat li l-istess konvenut ma kellux tort ghall-incident izda gara minhabba cirkostanzi li fuqhom l-eccipjenti ma kellux kontroll.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* li fih Shayan Sheikh qal:

"Whilst car no. CAS 079 was being driven along the Coast Road, Bahar ic-Caghaq towards Bugibba when from opposite direction noticed car no. IAC 174 skidded and came onto his lane when the impact occurred. He ended up hitting the boundary wall."

Il-konvenut qal:

"Whilst car no. IAC 174 was proceeding along the Coast Road towards St. Andrews when he skidded on some oil, lost control of vehicle and went on the other side of the road when the impact occurred."

Ra x-xhieda ta' PS 226 Paul Bonanno fejn jikkonferma li nizzel dak kollu li qalulu l-partijiet. Jikkonferma wkoll li ma sab ebda zejt fit-triq.
Ra x-xhieda ta' Sheikh Reshida fejn tikkonferma li l-vettura CAS 079 hija rregistrata f'isimha u tghid li l-karozza ma gietx imsewwija minn wara l-incident. Tghid li kienet xtratha Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin).

Ra x-xhieda ta' Shayan Sheikh li kien qed isuq il-vettura CAS 079 fejn jikkonferma r-*Road Accident Report*. Jichad li l-konvenut hadu biex jurih xi zejt ma' l-art kif ukoll jichad li l-konvenut wera lil ommu xi zejt ma' l-art.

Ra x-xhieda ta' Ahmad Raji fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u jzid illi hu kien ghaddej b'erbghin kilometru fis-siegha. Hekk iddiskriva l-incident:

"Wara zelqet il-karozza u daret bil-kontra.….Jiena rajt zejt fit-triq."

Ra x-xhieda ta’ Marianne Sheikh, omm Shayan Sheikh, fejn tghid illi ma ratx zejt ma’ l-art wara l-incident. Tichad illi semmiet xi zejt waqt li kienet fuq it-telefon ma’ l-assigurazzjoni.

Ra n-Nota ta’ l-attrici.

Ra r-Risposta.

Fil-kawza **Vella Vs Camilleri (Prim’ Awla 29/01/98)** gie ritenut:

“Li f’materja ta’ skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilta’ nonostante l-iskid; jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabli. Gie ritenut ukoll insubjecta materia li meta ssir habta minhabba wahda mill-vetturi tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjatura. Kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li taggrava l-iskid.”

Illi f’kawza bhal din meta l-konvenut gie kompletament *wrong side* huwa l-istess konvenut li jrid jipprova li ma kienx responsabbli ghall-incident. Illi l-konvenut jipprova jitfa’ t-tort fuq l-allegat zejt (li ma giex ikkonfermat mill-pulizija li mar biex jinvestiga l-incident). Bhala fatt jirrizulta li kien hemm hafna xita dakinhar u jirrizulta li l-konvenut naqas li jzomm il-karozza taht kontroll xieraq

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghad-danni kkagunati fl-incident in kwistjoni.

Dwar id-danni l-attrici talbet is-somma ta’ Lm1,450 (elf, erba’ mija u hamsin lira Maltin). Il-konvenut issottometta li din it-talba hi esagerata.

Il-konvenut jaghmel referenza ghas-survey li sar minn John Callus fejn gie stabbilit li l-*pre-accident market value* tal-vettura ta’ l-attrici hu Lm1,000 (elf lira Maltin). Hemm ukoll il-*wreck value* ta’ Lm100 (mitt lira Maltin).

Illi l-attrici ma gabet ebda provi biex tikkontesta dan.

Ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta’ Lm900 (disa’ mitt lira Maltin) bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta’ Lulju, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------